# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 29 ta' Novembru, 2019.**

**Numru 13**

**Rikors numru 39/15 JPG**

**Steve Mallia u Ariadne Massa**

**v.**

**L-Avukat Generali**

Preliminari

1. Dawn huma zewg appelli maghmulin, mill-intimat l-Avukat Generali [l-intimat], u l-iehor incidentalment mir-rikorrenti Steve Mallia u Ariadne Massa [ir-rikorrenti], mis-sentenza moghtija fit-23 ta' Ottubru 2017 [is-sentenza appellata] mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha [l-ewwel Qorti], li permezz taghha dik il-Qorti ddikjarat li r-rikorrenti kienu garrbu ksur tad-dritt taghhom tal-liberta` tal-

espressjoni kif sancit permezz tas-subartikolu 41[1] tal-Kostituzzjoni ta' Malta [il-Kostituzzjoni] u tas-subartikolu 10[1] tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [il-Konvenzjoni], illikwidat id-danni sofferti mill-istess rikorrenti fis-somma ta' €2,000 kull wiehed u ordnat lill-intimat sabiex ihallas tali danni bl-imghax mid-data tas-sentenza appellata sad-data tal-pagament effettiv, flimkien mal-ispejjez tal-proceduri.

<u>Fatti</u>

2. Il-fatti huma s-segwenti. Permezz ta' avviz nru. 301/2010 ipprezentat quddiem il-Qorti tal-Magistrati [Malta] [il-Qorti tal-Magistrati] fit-23 ta' Awissu 2010, Paul Pace, Colin Galea, George Saliba u Maria Cutajar fil-kwalitajiet taghhom rispettivi ta' President, Segretarju Ezekuttiv, Segretarju Finanzjarju u Vici-President tal-Malta Union of Midwives and Nurses [l-ufficjali tal-MUMN], harrku lir-rikorrenti sabiex jghidu ghaliex ma kellhomx jigu kkundannati jhallsu dik is-somma likwidata minn dik il-Qorti rapprezentanti danni a tenur tal-Ligi dwar l-Istampa [Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta] minhabba malafama permezz ta' artikolu intestat *"Patients swindled in scam – Top MUMN official investigated"* li kien deher fil-harga ta' *The Sunday Times* tat-22 ta' Awissu 2010. Permezz ta' sentenza moghtija fis-17 ta' Settembru 2012, il-Qorti tal-Magistrati ddecidiet favur l-ufficjali tal-MUMN u r-rikorrenti gew

ikkundannati jhallsu danni favur kull wiehed minnhom kif likwidati f'dik is-sentenza. Ir-rikorrenti appellaw u permezz ta' sentenza moghtija fl-14 ta' Jannar 2015, il-Qorti tal-Appell [Inferjuri] [il-Qorti tal-Appell] laqghet l-appell taghhom izda biss fir-rigward tad-danni billi irriduciethom, filwaqt li kkonfermat il-bqija tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati.

Mertu

3. Illi r-rikorrenti sussegwentement fethu dawn il-proceduri quddiem l-ewwel Qorti permezz ta' rikors ipprezentat fit-13 ta' Mejju 2015, fejn talbu lill-ewwel Qorti:

> "…joghgobha tiddikjara u tiddeciedi li bis-Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati [Malta] fis-17 ta'Settembru 2012 u bis-Sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fl-14 ta' Jannar 2015, fil-kawza fl-ismijiet Paul Pace [karta ta' identita' 126164M] et versus Steve Mallia [karta ta' identita' numru 39167M] et gie miksur id-dritt taghhom tal-liberta' ta' l-espressjoni protett kemm bl-artikolu 41[1] tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll bl-artikolu 10[1] tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet Umani u tal-Libertajiet Fondamentali maghmula applikabbli u enforzabbli f'Malta bl-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea 1987 [Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta] u konsegwentement taghti r-rimedji u taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawkl-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tassigura t-twettiq tad-dispozizzjonijiet ta' l-imsemmija artikolu 41[1] tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 10[1] tal-Konvenzjni Ewropea ghall-protezzjoni tad-Drittijiet Umani u tal-Libertajiet Fondamentali [Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta].
>
> "Bl-ispejjez."

4. L-intimat ipprezenta r-risposta tieghu fl-10 ta' Gunju 2015 fejn ikkontesta l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti ghaliex dawn,

skont hu, kienu infondati fil-fatt u fid-dritt, ghar-ragunijiet indikati fl-istess risposta.

Is-Sentenza Appellata

5. Is-sentenza appellata hi annessa bhala Appendici A.

L-Appell tal-intimat.

6. L-intimat interpona appell mis-sentenza appellata fl-10 ta' Novembru 2017 fejn talab lil din il-Qorti sabiex thassar u tannulla dik is-sentenza, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrenti. Hu jfisser l-aggravji tieghu kif gej: [1] l-ewwel Qorti marret 'il hemm minn dak mitluba tiddeciedi; [2] l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta sabet ksur tas-subartikolu 41[1] tal-Kostituzzjoni u tas-subartikolu 10[1] tal-Konvenzjoni u [3], li r-rimedju moghti m'huwiex wiehed gust.

Ir-risposta tar-rikorrenti u l-appell incidentali.

7. Ir-rikorrenti wiegbu ghar-rikors tal-appell tal-intimat fit-13 ta' Novembru 2018, fejn issottomettew li dan kien infondat kemm kostituzzjonalment u wkoll fattwalment. Ghalhekk l-appell incidentali kellu jigi michud bl-ispejjez kontra l-intimat ghar-ragunijiet moghtija fir-

risposta. Ir-rikorrenti pprevalixxu ruhhom mill-appell tal-intimat sabiex ipprezentaw appell incidentali fejn l-aggravju taghhom jirrigwarda n-nuqqas tal-ewwel Qorti li tikkonsidra d-danni pekunjarji kollha sofferti minnhom.

Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

8. Il-Qorti issa ser tghaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji mressqa mill-intimat, flimkien mar-risposta pprezentata mir-rikorrenti.

*L-ewwel aggravju tal-intimat: [l-ewwel Qorti ddecidiet dak li ma kienx mitlub]*

9. L-intimat jissottometti li l-ewwel Qorti kienet mitluba tiddeciedi jekk is-sentenza tal-appell kontra r-rikorrenti kinitx leziva tad-dritt taghhom ta' liberta` tal-espressjoni; ghalhekk kellha tiddeciedi jekk il-kundanna ta' hlas f'kuntest ta' proceduri ta' malafama fi proceduri ta' natura civili kinitx vjolattiva tad-dritt tal-espressjoni; minnflok, l-ewwel Qorti assumiet funzjoni ta' Qorti tal-Appell u sahansitra dahlet fis-sustanza tal-mertu tal-vertenza. Osservat li l-Qorti tal-Appell kienet ikkonsidrat li l-intenzjoni tar-rikorrenti ma kinitx rilevanti u ghalhekk dan kien ifisser li l-Istat ma ggarantiex bizzejjed id-dritt tar-rikorrenti ghall-liberta` tal-espressjoni.

10. Ir-rikorrenti jwiegbu li ma kienx minnu li l-ewwel Qorti ghamlitha ta' Qorti tal-Appell. Ghalkemm l-intimat kien qed jipprova jiggeneralizza n-natura guridika legali tal-azzjoni, dan ma kienx hekk ghaliex huma ma kinux qed jippretendu li kull kaz ta' kundanna fi proceduri civili ta' malafama kien jikkostitwixxi ksur tad-dritt tal-espressjoni izda huma kienu qeghdin isostnu li dan kien hekk proprju fil-kaz odjern. L-ewwel Qorti min-naha taghha m'ghamlitx dak li qed jallega l-intimat, tant li sahansitra ddikjarat hi stess li ma kinitx Qorti ta' revizjoni izda xogholha kien li tissindika allegazzjonijiet ta' ksur tad-drittijiet fondamentali. Huma jiccitaw lill-intimat jghid li r-rimedju kellu jkun it-thassir tas-sentenza tal-appell, filwaqt li jsostnu li huma ma kinux qed jitolbu t-thassir ta' dik is-sentenza u l-Qorti lanqas ma kienet iddecidiet hekk u lanqas setghet taghmel dan. Il-proceduri odjerni li ressqu r-rikorrenti kienu ghal rimedju kostituzzjonali fil-konfront tal-Istat minhabba sentenza tal-Qorti tal-Appell li kienet stabbiliet definittivament stat ta' dritt bejn il-partijiet quddiemha.

11. Quddiem l-ewwel Qorti l-intimat kien diga` fl-ewwel eccezzjoni tieghu ssottometta li r-rikors promotur kien wiehed frivolu u vessattorju u wkoll abbuziv tal-process gudizzjarju ghaliex dan ma kienx ghajr appell mis-sentenza tal-appell u dik il-Qorti skont il-gurisprudenza ma kellhiex il-funzjoni ta' Qorti ta' revizjoni. Il-konsiderazzjoni tal-ewwel Qorti fir-rigward kienet li, ghalkemm hu korrett li jinghad l-funzjoni taghha ma kinitx li tezamina zbalji ta' dritt jew ta' fatt li jkunu allegatament gew maghmula

mill-qrati ordinarji, dan hu hekk biss sakemm dawk l-izbalji ma kisrux id-drittijiet u l-libertajiet imharsa mill-Konvenzjoni u mill-Kostituzzjoni. Abbazi ta' dan dik il-Qorti mill-ewwel gharfet li l-funzjoni taghha ma kienx ta' Qorti ta' revizjoni izda ta' sindakar ta' kwistjonijiet dwar allegat ksur tad-drittijiet fondamentali tal-individwu. B'hekk cahdet dik l-ewwel eccezzjoni.

12. Issa hawn l-intimat qed isostni li l-ewwel Qorti filwaqt li kienet mitluba tiddeciedi jekk fil-kaz odjern il-kundanna ta' hlas moghtija fil-proceduri civili ta' malafama hijiex leziva tad-dritt ta' espressjoni tar-rikorrenti, dik l-ewwel Qorti minflok, ikkonsidrat il-mertu tal-vertenza u sabet li kien hemm lezjoni galadarba l-Qorti tal-Appell kienet ikkonsidrat li l-intenzjoni tar-rikorrenti ma kinitx rilevanti ghall-kaz odjern. Izda din il-Qorti ma tistax ma tqisx li l-ewwel Qorti ma setghetx ma tikkonsidrax il-kwistjoni tal-intenzjoni tar-rikorrenti sabiex tiddeciedi jekk kienx hemm bilanc bejn id-dritt ghall-espressjoni hielsa u d-dritt tas-socjeta` u wkoll id-dritt tal-persuni milquta mill-pubblikazzjoni in kwistjoni[1]. Dan dejjem fil-parametri tat-talba tar-rikorrenti ghas-sejbien ta' ksur tad-dritt taghhom tal-liberta` tal-espressjoni kif protett mill-ligi. Hu proprju fuq l-intenzjoni tar-rikorrenti jew il-*buona fede* taghhom li l-Qorti tal-Magistrati u wkoll il-Qorti tal-Appell warajha ddecidew il-kaz kontra r-rikorrenti. Ghalhekk kien

[1] Ara P.A.51/14LSO, **Joseph Calleja v. Avukat Generali**, 27 ta' Ottubru 2016 u App.nru.13778/88, **Case of Thorgeir Thorgeirson v. Iceland,** 25 ta' Gunju 1992.

opportun li l-ewwel Qorti tidhol fil-kwistjoni ta' *buona fede* da parti tar-rikorrenti.

13. Ghal din ir-raguni l-Qorti ma ssibx l-ewwel aggravju gustifikat u qieghda tichdu.

*It-tieni aggravju tal-intimat: [l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta sabet ksur]*

14. It-tieni aggravju tal-intimat jirrigwarda s-sejbien ta' ksur tal-ewwel Qorti. L-intimat isostni li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta sabet li r-restrizzjonijiet li minnhom kienu qeghdin jilmentaw ir-rikorrenti kienu fallew l-ezami ta' proporzjonalita`. L-intimat spjega li l-interess ta' gurnalist li jippubblika ahbar ma kienx jehilsu mill-htiega li jivverifika sa fejn possibbli li dik l-ahbar ghandha mis-sewwa. Jghid li l-liberta` tal-espressjoni tal-istampa trid tigi kontrobilancjata mad-dritt tac-cittadin ghall-inkolumnita` tieghu, aktar u aktar meta dak ic-cittadin ma jkollux x'jaqsam fil-kamp politiku. Imbaghad fejn l-ahbar ikollha x'taqsam ma' reputazzjoni professjonali tac-cittadin, il-Qorti Ewropea dejjem qalet li l-istampa ghandha timxi bil-*buona fede* u sahansitra taghti *"accurate and reliable information".* Hawn l-intimat jaghmel referenza ghall-konsiderazzjoni ta' dik il-Qorti fil-kaz fl-ismijiet **Vendens Gant and Aase**

**v. Norway**[2]**.** Ikompli jghid li kien l-obbligu tal-istampa li turi fatti u mhux impressjonijiet, u ghalhekk jezisti l-bzonn tal-verifika tal-fatti qabel il-pubblikazzjoni. Ghal dak li kien jirrigwarda l-artikolu in kwistjoni, l-intimat jissottometti li dan kien miktub b'mod li kien qed jipponta subajgh lejn xi wiehed mill-erba' ufficjali gholja tal-MUMN tant li din hasset il-htiega li tohrog stqarrija ghall-Istampa u ghax-Xandir, filwaqt li min-naha taghhom ir-rikorrenti ma ghamlu l-ebda apologija pubblika. Jinsisti li l-istess rikorrenti min-naha taghhom m'ghamlu l-ebda prova tal-*buona fede* taghhom*.* Min-naha l-ohra gie pruvat li verifiki ma sarux permezz ta' kontro-kummenti tal-persuna involuta, *Alex Manche*, u wkoll mal-MUMN stess. Izda l-ewwel Qorti skartat kompletament in-necessita` ta' dawk il-verifiki ghaliex fil-fehma taghha l-pubblikazzjoni setghet issir minghajrhom minhabba l-interess pubbliku tal-materja. Hawn l-intimat jiccita parti mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell biex juri li, ghall-kuntrarju, din ma kinitx tal-istess fehma. Ukoll mhux tal-istess fehma kienet il-Qorti tal-Magistrati. Skont id-decizjoni ta' dawn iz-zewg qrati, il-verifiki kellhom isiru in *buona fede* billi jkun hemm aktar minn semplici tentattiv wiehed jew tnejn sabiex tinstab il-persuna koncernata, u fin-nuqqas allura l-verifiki kellhom isiru mal-ufficjali gholja tal-MUMN.

15. Min-naha taghhom ir-rikorrenti jinsistu li l-intimat qed jinjora l-fatti tal-kaz odjern. Jghidu li l-istorja li kienet giet ippubblikata kienet wahda

---

[2] App.nru. 45710/99, 16 ta' Ottubru 2001.

vera. Madankollu r-rikorrenti Massa kienet qaghdet attenta sabiex ma tigix identifkata l-persuna li ghaliha kienet qieghda tirreferi fl-artikolu [il-persuna investigata]. Kien irrizultalha li l-persuna investigata kellha kariga ta' *Chairperson tal-Mater Dei Group Committee tal-MUMN*. Kellha wkoll isimha bhal dak ta' kirurgu maghruf. Izda xorta wahda r-rikorrenti nstabu responsabbli ta' malafama fir-rigward ta' erba' individwi u sahansitra gew ikkundannati jhallsu somma flus lilhom meta kien jidher sew li l-artikolu ma kienx qed jirreferi ghalihom. Jinsistu li d-deskrizzjoni tal-persuna bhala li kienet izzomm *"top post"* u li kienet *"top MUMN Official"* kienet *value judgment* u bhala apprezzament ma kellhiex tigbed censura mill-Qorti tal-Magistrati u mill-Qorti tal-Appell. Ukoll, skont il-gurisprudenza ma hemm l-ebda ingurja meta dak li jkun gie pubblikat ma jkun dirett lejn xi hadd mhux identifikabbli minn numru ta' nies, ukoll jekk dan in-numru jkun wiehed zghir. Fil-fehma taghhom l-intimat naqas milli juri ghaliex fil-kaz odjern il-kundanna tar-rikorrenti ma kienx jikkostitwixxi ksur tal-liberta` tal-espressjoni taghhom. Sottomissjoni ohra tal-intimat dwar dan l-aggravju hi li l-intimat ma zammx l-argument kostituzzjonali migjub mir-rikorrenti, izda ghamlu proprju dak li kien qed jallega li qeghdin jaghmlu r-rikorrenti, jigifieri li jittratta dawn il-proceduri bhala dawk tal-appell.

16. L-intimat isejjes l-argument tieghu fit-tieni aggravju fuq in-nuqqas ta' *buona fede* li wrew ir-rikorrenti fil-pubblikazzjoni tal-artikolu in

kwistjoni. Ir-rikorrenti min-naha taghhom qeghdin jissottomettu li, ghall-kuntrarju, ir-rikorrenti Massa kienet qaghdet ferm attenta sabiex ma tintaghrafx il-persuna investigata. Jinsistu li l-kliem *"top post within the structures of the Malta Union of Midwives and Nurses"* kienu jikkostitwixxu *a value judgment*. Fuq dawn iz-zewg punti l-ewwel Qorti ddecidiet u sabet li hemm ksur tad-dritt tal-liberta` tal-espressjoni tar-rikorrenti ghaliex: [a] il-provi kienu juru li r-rikorrenti kienu agixxew in *buona fede* izda l-Qorti tal-Appell kienet skartat dan il-fatt ghaliex dehrilha li l-intenzjoni tar-rikorrenti ma kinitx rilevanti; [b] id-deskrizzjoni tas-soggett tal-artikolu pubblikat kien jikkostitwixxi *value judgment* u mhux dikjarazzjoni ta' fatt. Din il-Qorti tghid li l-ewwel Qorti kienet zbaljata dwar it-tnejn minn dawn iz-zewg fatturi tassew rilevanti fis-sejbien ta' ksur, u dan ghar-ragunijiet segwenti.

17. L-ewwel Qorti, wara li taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Thorgeir Thorgeirson**[3]**,** tghid hekk dwar il-kwistjoni ta' jekk kienx hemm dikjarazzjoni ta' fatt jew *value judgment* fil-kaz odjern:

> "Il-Qorti tqis illi bl-istess mod, l-artikolu tar-rikorrenti ma jistax jitqies bhala attakk kontra l-erba' ufficjali esekuttivi jew xi hadd partikolari minnhom. Il-Qorti hija tal-fehma illi d-deskrizzjoni ta' *top official* m'hijiex dikjarazzjoni ta' fatt izda tikkonsisti f'*value judgment* maghmul mill-gurnalista rigward il-kariga tal-persuna allegatament involuta fir-reat irraportat minnha. Ta' min jinnota illi l-gurnalista fl-ebda hin ma qalet illi l-infermier in kwistjoni kien jokkupa kariga esekuttiva, izda biss li kien jokkupa *a top post* . Jirrizulta inkontestat illi l-infermier Manche kien jokkupa l-kariga ta' *Chairperson fuq il-Mater Dei Group Committee.* Fil-fehma ta' din il-Qorti ghalhekk kien ragonevoli ghar-rikorrenti li jirreferu ghal infermier Manche bhala ufficjali li jokkupa a *top post* fi hdan l-

[3] App.nru. 13778/88, 25 ta' Gunju 1992.

> MUMN ghaliex persuna li tokkupa l-kariga ta' Chairperson fuq Kumitat, u specjalment kumitat tal-portata in kwistjoni, tista' ragonevolment tigi deskritta bhala persuna li tokkupa kariga gholja fi hdan l-organizazzjoni. Din il-Qorti tqis illi d-deskrizzjoni ta' Manche bhala *a top official* kienet *a value judgment* li kellha,ai termini tas-sentenza hawn fuq citata ta' Morice, *'a sufficiently close connection with the facts of the case'* u dan apparti l-fatt illi m'hemm ebda prova,u zgur li ma jistgax jigi determinat illi din id-deskrizzjoni kienet *'[a] misleading or as a gratuitous attack'.* Di piu kienet materja li tikkoncerna l-interess publiku mill-qrib."

18. Din il-Qorti ma taqbel xejn mal-ewwel Qorti li d-deskrizzjoni fl-artikolu tal-persuna investigata bhala li ghandha "*top post within the structures of the Malta Union of Midwives and Nurses"* ghandha titqies bhala *a value judgment.* Il-kariga ta' dik il-persuna fi hdan il-MUMN kienet tikkostitwixxi stat ta' fatt. Hawn m'hawn xejn li jista' jigi interpretat jew li jista' jkun is-soggett ta' opinjoni. Tant hu hekk li jirrizulta mix-xhieda tar-rikorrenti Massa fis-seduta quddiem l-ewwel Qorti tal-11 ta' Jannar 2017, li din l-informazzjoni kienet tidher fuq il-*website* tal-MUMN u jinghad li hi min-naha taghha ddikjaratu bhala stat ta' fatt fl-artikolu taghha. Fl-istess xhieda qalet li kienu qaghdu attenti sabiex ma jiddentifikaw lil hadd fl-artikolu. Qalet ukoll li ma xtaqux isemmu l-persuna investigata b'isimha peress li l-isem kien identiku ma' dak ta' kirurgiku, izda wkoll qalet li huma ma kienx irnexxielhom jaghmlu kuntatt ma' dik il-persuna. Hawn proprju gie muri nuqqas serju da parti tar-rikorrenti ghaliex, minflok li ppersistew u stennew sakemm isir dan il-kuntatt, jew isir kuntatt mal-MUMN innifisha, huma marru ghall-pubblikazzjoni. Jekk kif qal ir-rikorrent Mallia fix-xhieda tieghu li *"… not being super familiar with the structure of the MUMN as I became after the MUMN instituted the court case …",* kien hemm lok ghal

aktar kawtela fid-deskrizzjoni tal-kariga ta' dik il-persuna fi hdan il-MUMN specjalment meta wiehed iqies li din kien ser ikollha effett negattiv sew fuq l-istess ghaqda. Sabiex din il-Qorti tqis il-kliem allegatament malafamanti bhala *a value judgment,* jigi senjalat li kellu jintwera mir-rikorrenti li huma kellhom quddiemhom fatti bizzejjed inekwivoci sabiex waslu ghal din id-dikjarazzjoni. Il-Qorti Ewropea fid-decizjoni taghha fl-ismijiet **Case of Falzon v. Malta**[4] tghid *"… even where a statement amounts to a value judgment, the proportionality of an interference may depend on whether there exists a sufficient factual basis for the impugned statement since even a value judgment without any factual basis to support it may be excessive."*[5]. Ghalhekk hazin jghidu r-rikorrenti li l-kariga tal-persuna fi hdan il-MUMN *"…hija value judgment tal-gurnalista li wasslet ghaliha mill-istharrig li ghamlet li maghha wiehed jista'jaqbel jew ma jaqbilx. Jekk kienx* top, mdium *jew* bottom *fl-istruttura ta' l-MUMN hija kwistjoni ta'apprezzament …".* Ghall-kuntrarju ta' dak li qeghdin isostnu r-rikorrenti, il-kaz odjern jitratta kwistjoni ta' fatti u mhux ta' gudizzju u kien ferm materjali jekk il-persuna kinitx *"top, medium jew bottom fl-istruttura ta' l-MUMN".* Jekk il-posizzjoni ta' dik il-persuna fi hdan il-MUMN ma kinitx importanti sabiex jitwassal il-messagg li riedu jwasslu r-rikorrenti, allura kien opportun li r-referenza ghat-*top post*, tithalla barra.

---

4 App.nru. 45791/13, 20 Marzu 2018.
5 App.nru.26958/95 §43, 27 Frar 2001.

19. Hawn naslu ghat-tieni punt deciz mill-ewwel Qorti, jigifieri dak tal-*buona fede* tar-rikorrenti. Mill-ewwel ghandu jinghad li jekk kif jinsistu r-rikorrenti fix-xhieda taghhom quddiem l-ewwel Qorti l-ghan taghhom fir-rigward tal-pubblikazzjoni tal-artikolu kien li jgibu a konjizzjoni tal-pubbliku x'kien ghaddej fl-Isptar Mater Dei, certament ma kienx necessarju li jinghad ukoll li l-persuna involuta kienet izzomm *top post* fi hdan il-MUMN ghaliex dan ma kien ser izid xejn fir-rigward tal-informazzjoni li riedu jwasslu lill-pubbliku. Din il-Qorti tifhem li sahansitra kienet tafu r-rikorrenti Massa li fix-xhieda taghha tghid *"…nahseb ftit nies jekk ikollok tmur taghmel xi vox pop ikunu jafu one probabli x'inhi l-union, ahseb u ara l-istrutturi ezatti …".*

20. Filwaqt li gharfet li l-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tirrikjedi li l-*buona fede* tal-gurnalist ghandha tittiehed in konsiderazzjoni u li l-Qorti tal-Appell ma hasitx li dan il-fattur kien rilevanti, l-ewwel Qorti kienet tal-fehma li skont il-provi irrizulta li r-rikorrenti kienu mxew bil-*buona fede.* Dik il-Qorti fid-decizjoni taghha fir-rigward qieset is-segwenti fatti: [a] ir-rikorrent Mallia mill-ewwel accetta li jippubblika *statement* tal-MUMN li l-erba' ufficjali ezekuttivi taghha ma kinux jaghmlu parti minn dak miktub, u dan minkejja l-bixra tieghu; [b] ir-rikorrenti Massa kienet osservat prattici gurnalistici tajbin; [c] l-interess pubbliku, stante l-allegat qerq ta' ufficjal pubbliku u allura l-urgenza tal-pubblikazzjoni li kienet tiggustifika l-pubblikazzjoni minghajr il-kummenti tal-persuna involuta.

21. Din il-Qorti pero` hi tal-fehma li l-ewwel Qorti ghagglet wisq meta ddecidiet dan il-punt krucjali. Kellu jigi kkonsidrat mhux biss il-konsiderazzjonijiet taz-zewg qrati l-ohra, izda wkoll in-necessita` jew sahansitra l-utilita` tal-informazzjoni moghtija fl-artikolu li l-persuna involuta kienet tokkupa *top post* fi hdan il-MUMN.

22. Hu tajjeb li jigi riprodott dak li qalet il-Qorti tal-Magistrati [Malta] fil-proceduri **Paul Pace et v. Steve Mallia u Ariadne Massa**[6] dwar il-kwistjoni ta' *buona fede* fejn osservat kif gej:

> "Illi l-Qorti ma tistax ma tinnutax illi fil-kaz in ezami,ghalkemm l-intimata Massa stqarret illi l-artikolu taghha sar *"totalment in bona fide u bl-ebda mod ma kellha kontra l-ufficjal ta' l-ezekuttiv tal-MUMN",* l-agir taghha fit-tmexxija ta' l-investigazzjonijiet flimkien mal-fatt illi, ghal ragunijiet illi jafu huma biss, id-Dipartiment ta' l-Informazzjoni ghogbu jgharraf lill-pubbliku dwar l-investigazzjoni li kienu ghaddew lill-Pulizija mhux dakinhar illi r-rapport gie mghoddi lill-Pulizija, ossija il-Gimgha, izda il-Hadd, wara li harget l-istorja fuq il-gazzetta *The Sunday Times*, ma jirrizulta illi hemm ebda *bona fede* assoluta da parte tal-gurnalista Massa. Il-Qorti kwazi tasal, anzi, biex tikkonkludi illi kien hemm kolluzjoni bejnha u bejn il-Ministeru tas-Sahha kontra l-MUMN, illi dak iz-zmien kienu f'taqtiha ma' l-istess Ministeru, liema kolluzzjoni kienet intiza unikament sabiex jaghmel hsara lit-tmexxija tal-MUMN, jigifieri lir-rikorrenti.
>
> "Il-Qorti ma tifhimx kif qatt tista gurnalista, illi ghandha l-esperjenza illi qalet li ghandha, ossija sittax-il sena, u li tikteb fuq gurnal daqstant prestiggjus u rispettabili bhalma hija *The Sunday Times,* tghaddi biex tikteb storja illi tintwera fuq il-faccata tal-gurnal u tallega li ufficjal ewlieni tal-MUMN huwa involut f'allegat abbuz fl-Isptar minghajr ma lanqas biss tipprova tikkomunika ma xi wiehed mill-ufficjali tal-MUMN ghal kummenti tieghu qabel ma tippubblika l-istorja.
>
> "Kieku, ghal anqas, il-gurnalista baghtet id-domandi ghall-kummenti u dawna ma gewx risposti, wiehed ikun fehem li l-gurnalista ghamlet il-parti taghha ta' l-investigazzjoni izda ma kellhiex risposti. Izda, fil-kaz in

[6] Avv.nru.301/2010, 17 ta' Settembru 2012.

kwistjoni, m'ghamlet assolutament xejn minn dan,u ghazlet illi tohrog storja minghajr ma tivverifika il-fatti illi hija kienet qieghda tallega. Dana huwa agir disgreggjevoli u malizzjuz u l-Qorti ma tistax hlief ma ticcensurax tali tip ta' gurnalizmu illi huwa intiz biss ghas-sensazzjonalizmu minghajr ma jaghtu kaz ghar-riperkussjonijiet illi l-istejjer taghhom ser ikollhom fuq il-persuni kollha illi jissemmew, direttament jew indirettament, u jaghmlu hsara kemm lir-reputazzjoni tal-gurnalizmu in generali, kif ukoll tar-reputazzjoni tal-gurnal *The Sunday Times.*

"Indikazzjoni cara illi l-mira unika tal-gurnalista ma kinitx dik illi tinvestiga l-kaz fid-dettal, izda li tippubblika l-istorja taghha qabel ma tigi ppubblikata minn gazzetti ohra, kien il-fatt illi hija allegatament saret taf bl-istorja il-Gimgha 20 ta'Awissu u ghaddiet illi tippubblika l-istorja taghha il-Hadd 22 ta'Awwissu minghajr ma qabel gabet il-verzjoni tan-nies kollha illi hija kienet qed issemmi.

"Illi huwa hawnhekk illi l-editur ukoll ghandu r-responsabbilta' tieghu fil-kaz odjern ukoll, peress illi huwa ghandu jassikura ruhhu illi l-gurnalisti tieghu jaghmlu xoghol b'reqqa u attenzjoni u jassikuraw li, qabel ma jippubblikaw storja, jivverifikaw id-dettalji kollha u jippruvaw jottjenu informazzjoni anke *da parte* ta'min huwa implikat, sabiex il-qarrej jinghata stampa cara ta' l-istorja kollha u jigi assikurat li min ghandu isofri l-konsegwenzi tal-pubblicita', isofriha, filwaqt illi min ghandu jigi protett milli jigi imfangat inutilment, jigi protett – huwa car illi l-editur naqas palezament minn tali obbligu, u halla lill-gurnalista tieghu tohrog storja illi l-effett taghha kienu ta' hsara kbira lill-ufficjali tal-MUMN, liema effett l-istess gurnalista setghet facilment tevita kieku hadet hsieb taghmel xogholha kif suppost.

"Il-Qorti, ukoll, ma tistax ma tinnutax illi, kemm fid-diskursata mal-President ta' l-MUMN, Paul Pace dakinhar illi hareg l-artikolu, kif ukoll fix-xhieda taghha fil-Qorti, hija [l-akkuzata Massa] dejjem accettat illi l-persuna involuta ma kinitx fl-Ezekuttiv tal-MUMN izda kienet biss ufficjal, skond hi, tal-MUMN. Allura, il-Qorti tistaqsi, la darba l-gurnalista kienet taf dawn l-affarijiet, x'kien illi wassalha taghmel titolu li jghid "*Top MUMN Official investigated"*, meta hija stess stqarret illi tali persuna ma kienx ufficjal ta' l-ezekuttiv, izda kien involut f'kumitat tal-MUMN. Din hija indikazzjoni cara illi kien hemm il-malizja fir-redazzjoni tat-titolu, u t-titolu kien intiz unikament sabiex jaghmel hsara lill-ezekuttiv tal-MUMN.

"Ma jonqosx ukoll illi jigi nnutat illi l-gurnalista u l-gurnal, fl-ebda mument, ma jidher illi ghamlu xi tentattiv sabiex jikkorregu dak li qal jew illi jaghmluha cara mal-qarrejja li l-Ezekuttiv tal-MUMN ma kienx involut.

L-argument tal-gurnalista illi ghaliha, chairman ta' kumitat, illi huwa biss wiehed minn erbghatax il-sotto kumitat illi ghandu l-Kunsill tal-MUMN intizi sabiex jassistu tali Kunsill, li huwa imbghad immexxi mill-Ezekuttiv, ghandu jitqies bhala ufficjal gholi tal-MUMN huwa wiehed

fallaci ghall-ahhar u, l-insistenza taghha turi biss illi l-gurnalista, a differenza ta' dak ili huwa mistenni minnha, ma hijiex a korrent ta' kif jahdmu assocjazzjonijiet u ghaqdiet, kemm volontarji kif ukoll ufficjali.

"Il-Qorti hija konvinta illi l-gurnalista ma kellha ebda bona fede meta kitbet l-artikolu, izda kellha biss il-hsieb illi tqieghed f'dell ikrah persuni li, f'dak il-mument, kien qeghdin f'kwistjoni industrjali mal-Ministeru tas-Sahha,u li kien hemm agenda,li ghaliha l-gurnalista kienet qieghda tahdem, biex issir il-hsara. Dana m'huwiex gurnalismu –dana huwa difamazzjoni!"

23. Il-Qorti tal-Appell izda ma kinitx tal-istess fehma dwar il-kwistjoni tad-dell ikrah li xtaqet titfa' r-rikorrenti Massa bil-mod kif deskritt mill-Qorti tal-Magistrati hawn fuq. Di fatti dik il-Qorti osservat li:

"…din il-Qorti hija tal-fehma illi fid-decizjoni taghha l-Ewwel Qorti ghamlet assunzjonijiet illi bl-ebda mod ma irrizultaw mill-atti, kummenti ghal kollox gratuwiti li wasslulha ghal motivazzjoni taghha in konnessi mad-danni illikwidati u dana meta jitqies illi l-artikolu fil-gazzetta in kwistjoni ma kien xejn ghajr rappurtagg ta' fatti materjali ji jirrizultaw li kienu ghal kollox veritjieri. Il-konkluzjoni illi kien hemm xi kolluzzjoni bejn l-artikolista u il-Ministeru tas-Sahha sabiex dana l-artikolu jigi ippubblikat bit-tir li jitfa' dell ikrah fuq l-MUMN u dana minhabba f'azzjoni industrijali li kienet ghaddejja f'dak iz-zmien mill-infermjiera, ma ghandha l-ebda fondament fil-provi prodotti. Per ezempju ma hemmx provi fl-atti dwar x'kienet in-natura ta' dina l-azzjoni industrijali, kemm kienet ilha ghaddejja u x'effetti kien qed ikollha fuq l-Istat. L-ebda rapprezentant mill-Ministeru tas-Sahha ma ingieb jixhed dwar dina l-azzjoni industrijali u x'passi kienu qed jittiehdu biex jintlahaq ftehim mal-Union. Lanqas mix-xhieda ta' Massa stess ma jirrizulta illi hija kienet a konoxxenza ta' dawn il-fatti jew inkella illi xandret dina l-ahbar konsapevoli tal-fatt illi dina setghet taghmel hsara lil dina l-azzjoni industrijali. Kif allura setghet l-Ewwel Qorti tasal ghal konkluzjoni illi l-animus wara dana l-artikolu kien propju sabiex jitfa dell ikrah fuq il-Union meta dawn il-fatti ma jemanu minn imkien mill-atti. Fuq kollox il-fatti rapportati ma qalathomx minn znieda l-intimata appellanti, izda kienet materja ta' interess pubbliku."

24. Il-Qorti tal-Appell qalet dan fil-kuntest tal-ahhar aggravju mressaq mir-rikorrenti [hemm intimati] kontra l-kundanna ghall-hlas ta' danni maghmula mill-ewwel Qorti li huma kienu qeghdin jghidu sar mill-ewwel

Qorti bhala deterrent jew ezempju meta l-ligi tal-istampa kienet taghti danni fl-isfond tal-kuncett ta' *restitutio in integrum.* Hemm il-Qorti tal-Appell qalet li dawk id-danni likwidati mill-Qorti tal-Magistrati kienu *"xi ftit esagerati"* fic-cirkostanzi tal-kaz odjern, u ghalhekk wara li kkonsidrat dak li ntqal fil-bran citat, naqqset l-ammont tad-danni. Din il-Qorti tirrileva li, minkejja dak osservat minnha, il-Qorti tal-Appell xorta wahda hasset li r-rikorrenti kellhom jinzammu responsabbli ghall-hlas tad-danni rizultanti lil dawk l-erba' ufficjali tal-MUMN li kienu ressqu l-kaz ta' malafama kontrihom. Dan ghaliex kienet tal-fehma li r-rikorrenti Massa intenzjonalment uzat is-subtitolu taghha biex tigbed il-qarrejja:

> "Illi…ghalkemm, kif diga inghad, ma hemmx dubbju illi ir-rapport gurnalistiku kien principalment wiehed investigattiv u informattiv, madankollu meta saret referenza fl-imsemmi artikolu illi l-persuna involuta kienet ufficjal gholi fi hdan l-MUMN, l-artikolista tbieghdet mill-bixra investigativa u inoltrat ruhha fis-sensazzjonalizmu biex b'hekk hija spiccat implikat nies innocenti f'kaz gravi ta'implikata fraudolenza. Ghalhekk il-qorti ma ghandha l-ebda dubbju illi meta l-appellanti uzat it-terminologija bhala sub-titolu ghal dan il-kaz serju ta' sfuttament ta' nies vulnerabili hija kellha f'mohhha illi tigbed il-qarrejja taghha u ma qghaditx attenta illi tirraporta fedelement l-informazzjoni li giet lilha rimessa. Kwindi ma hemmx dubbju illi l-identifikazzjoni setghet facilment issir mill-qarrej billi dawn in-nies ma setghux jirreferu hlief ghal membri ewlenin li jifformaw parti minn Union u cioe' il-membri gholja tal-Ezekuttiv. Illi ghalhekk kemm l-artikolista kif ukoll l-editur taghha, li kellu id-dmir jifli sew dak kollu li jigi ippubblikat fil-gurnal, ghandhom iwiegbu bl-istess mod ghal dan in-nuqqas.
>
> "Il-Qorti ghalhekk tikkonkludi li qarrej ordinarju meta jaqra' l-artikolu in kwistjoni jista' jasal b'mod naturali u minghajr processi kumplikati ta' eliminazzjoni jew analizi xort'ohra u ukoll b'certu grad ta' certezza biex jidentifika lil xi wiehed mill-persuni ta' l-atturi bhala l-persuna li ghalih qed jaghmel referenza l-artikolu u dana irrispettivament mill-animu li fih inkiteb l-artikolu.".

25. Il-Qorti tal-Appell tghaddi sabiex taghmel referenza ghall-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea fejn jinghad li hu proprju l-hsieb li l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni jaghti d-dritt tal-liberta` ta' espressjoni sakemm tirrizulta l-*buona fede* fil-pubblikazzjoni ta' informazzjoni preciza skont l-etika gurnalistika. Qalet li in vista' ta' dak deciz minnha, l-aggravji tar-rikorrenti [allura intimati] kienu qeghdin jigu respinti ghajr ghall-ahhar aggravju li kien jirrigwarda l-kwantifikazzjoni ta' danni.

26. Din il-Qorti wkoll hi tal-fehma li s-subtitolu tal-artikolu *"Top MUMN official investigated"* u wkoll il-kliem "The Sunday Times *has learnt this scam involves a nurse who is employed in a managerial position at Mater Dei and occupies a top post within the structures of the Malta Union of Midwives and Nurses"* ma sarux in *buona fede* izda kienu ntizi kif tghid il-Qorti tal-Appell sabiex jigbdu l-qarrejja. Dan qed jinghad principalment ghaliex il-fatt li l-persuna investigata kienet involuta b'xi mod mal-MUMN ma kinitx rilevanti ghall-messagg ta' twissija li r-rikorrenti xtaqu jwasslu lill-qarrejja. Ir-rikorrenti Massa fix-xhieda taghha quddiem l-ewwel Qorti tghid li *"…fl-ahhar mill-ahhar it's in public interest li s-servizz tal-istat, jekk qed jigi offrut b'xejn nies anzjani hekk mhux suppost qed jhallsu"* u *"…kellna responsabbilta` lejn il-qarrej u lejn is-socjeta` biex nuru u nesponu x'inhu ghaddej fl-isptar nazzjonali u kellna dokumenti li juru x'inhu ghaddej.".* Ir-rikorrent Mallia fl-istess seduta jixhed "*I did feel it was in the public interest to publish such a story."*

27. Fid-decizjoni tal-Qorti Ewropea **Case of Goodwin v. The United Kingdom**[7] inghad:

> "38. … Although there is a general public interest in the free flow of information to journalists, both sources and journalists must recognize that a journalist's express promise of confidentiality or his implicit undertaking of non-attributability may have to yield to a greater public interest. The journalist's privilege should not extend to the protection of a source who has conducted himself *mala fide* or, at least, irresponsibly, in order to enable him to pass on, with impunity, information which has no public importance.".

28. Fid-decizjoni ta' dik il-Qorti fil-kaz **Case of Fressoz and Roire v. France**[8] dwar l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni u l-interess generali nghad:

> "54. … that Article leaves it for journalists to decide whether or not to reproduce such documents to ensure credibility. It protects journalists' right to divulge information on issues of general interest provided that they are acting in good faith and on an accurate factual basis and provide "reliable and precise" information in accordance with the ethics of journalism."

29. Issa fil-kaz odjern, jirrizulta li r-rikorrenti Massa fix-xhieda taghha moghtija quddiem il-Qorti tal-Magistrati fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2012[9] spjegat li *"Jiena kull ma naf hu li l-erba' persuni illi hawn prezenti huma l-ufficjali ili ahna bhala gurnalisti nikkomunikaw maghhom minn zmien ghal zmien meta rridu nikkonfermaw xi stejjer jew inkunu nafu xi nformazzjoni dwar xi affarijiet li jkunu nqalghu fil-kamp illi jinvolvu l-MUMN".* Il-Qorti minn dan tista' tislet fatt importanti li jimpingi fuq id-dritt tal-liberta` ta'

[7] App.nru.17488/90, §38, 27 Marzu 1996.
[8] App.nru.29183/95, §54, 21 Jannar 1999.
[9] A fol. 276.

espressjoni li qed jigi nvokat mir-rikorrenti: ghalkemm kif tghid il-Qorti Ewropea fis-sentenza fuq citata l-gurnalist ghandu dover li jippublika informazzjoni preciza u fattwali li wiehed jista' jistrieh fuqha bhala veritiera, ir-rikorrenti naqsu milli jaghmlu dan. Jidher li huma kellhom komunikazzjoni kontinwa mal-erba' ufficjali tal-MUMN f'kaz ta' verifika ta' storja jew informazzjoni izda ghal xi raguni kif sewwa jghid l-intimat, f'dan il-kaz ma sarx hekk. Ir-rikorrenti Massa tghid li, minflok ikkomunikat mal-ufficjali kif soltu taghmel, hi dahlet fuq il-*website* ta' dik l-ghaqda u skont l-informazzjoni li sabet hi kitbet l-artikolu taghha.

30. Fuq il-kwistjoni ta' *value judgment ,* din il-Qorti diga` kellha l-opportunita` li tesprimi ruhha aktar 'il fuq u ghalhekk mhiex ser terga' tidhol fil-mertu taghha. Izda ma tistax ma tosservax li hawn inkisru r-regoli li solitu josservaw il-gurnalisti u wkoll regoli tal-etika tal-gurnalizmu, u minflok ma saru l-verifiki, il-gurnalista ghagglet fil-pubblikazzjoni tal-artikolu. L-ewwel Qorti tiskuza lir-rikorrenti minhabba l-allegat urgenza tal-kaz, izda din il-Qorti ma ssib xejn fil-provi li juru li l-pubblikazzjoni kellha ssir proprju fil-gurnata li saret u mhux f'xi gurnata ohra u di piu' tattribwixxi l-attivita` abbuziva lil ufficjal li ghandu *top post* fl-ghaqda.

31. Rigward il-fattur tal-buona fede din il-Qorti tistaqsi: kien hemm bzonn li jinghad li l-persuna investigata kienet involuta mal-MUMN ghall-fini tal-informazzjoni li r-rikorrenti riedu jghaddu lill-qarrejja? Ir-risposta

hija fin-negattiv. Ir-referenza ghal *top post*, kif tghid il-Qorti tal-Appell, kellha biss l-iskop li tigbed l-ghajn u zzomm l-interess tal-qarrejja, ghaliex minghajr tali referenza xorta wahda r-rikorrenti kienu ser jghaddu l-istorja lill-qarrejja. Aktar u aktar il-Qorti tqis dan in vista tal-fatt li l-provi bl-ebda mod ma juru li l-persuna investigata kienet aggixxiet fil-vesti taghha fi hdan il-MUMN izda pjuttost bhala mpjegata tal-Isptar Mater Dei. Dan kien bizzejjed biex jikkonvinci lil din il-Qorti li r-rikorrenti ma jistghux jinvokaw id-dritt tal-liberta` ta' espressjoni f'cirkostanzi fejn huma naqsu mid-doveri taghhom ta' verifika u spiccaw sabiex tefghu ghajnejn il-qarrejja fuq haddiehor li ma kellux x'jaqsam fl-istorja.

31. Ghaldaqstant din il-Qorti ssib li dan l-aggravju hu gustifikat u qieghda tilqghu.

32. Ladarba ntlaqa' t-tieni aggravju tal-intimat mhemmx aktar il-htiega li jigu ezaminati ulterjorment it-tielet aggravju tal-intimat u l-aggravju tar-rikorrent.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tiddisponi mill-appell principali billi tilqghu limitatament, filwaqt li tichad l-appell incidentali; ghaldaqstant tirrevoka s-sentenza appellata u tichad it-talbiet tar-rikorrenti.

L-ispejjez taz-zewg istanzi, inkluz dawk relatati mal-appell incidentali, jithallsu mir-rikorrenti.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
rm

**Appendici A**

Kopja tas-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali), Rikors Numru 39/15, fl-ismijiet **Steve Mallia et v. L-Avukat Generali** deciza fit-23 ta' Ottubru 2017 qieghdha tigi hawn annessa biex tifforma parti integrali minn din l-odjerna sentenza u qed tigi mmarkata bhala Appendici A.